## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. SIMONE GRECH

**Il-Pulizija**

**Spettur Alfredo Mangion**

**vs**

**Francis Mifsud**

**Kumpilazzjoni Nru. 767/2018**

**Illum, 24 ta' Jannar, 2022**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet mahruga fil-konfront ta' Francis Mifsud, detentur tal-karta tal-identità numru 497356M, li permezz taghhom gie akkuzat talli fil-5 ta' Dicembru 2018 ghall-habta ta' 15.00hrs, gewwa razzett minghajr isem f'Tal-Handaq, limiti ta' Hal Qormi, u f' dawn il-gzejjer:

1. *Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Carmelo Mifsud f' periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' l-istess Carmel Mifsud skont kif iccertifikat minn Dr K Abdalla (Med Reg 3867) u dan bi ksur ta' l-artikolu 216(1)(a)(b) (d) u 221(1)(a) tal-Kap 9 tal-ligiet ta' Malta;*
2. *Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b' mod iehor lil Carmel Mifsud u dan bi ksur ta' l-artikolu 399(1)( e) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta;*

3. *Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubbblika b' ghajjat u storbju u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Il-Qorti giet mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C, fejn tiprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Carmel Mifsud u r-residenza tieghu, kif ukoll il-postijiet li tali persuna jiffrekwenta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija, tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ezebiti;

Semghet il-provi;

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet, Pulizija vs Carmel Mifsud;

Rat l-atti tal-inkjesta magisterjali li nfethet, u li huma ezebiti f'dan il-process;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali;

Rat l-atti kollha ta' din il-kawza.

**Ikkunsidrat:**

**Provi prodotti f' din il-kawza u fil-kawza li nstemghet kontestwalment mal-kawza odjerna**

**L-Ispettur Alfredo Mangion** xehed li fil-5 ta' Dicembru 2018, gie nfurmat li Francis Mifsud kien ghamel rapport u gab senter mieghu. Spjega li Francis Mifsud kien stqarr li kien ghad kemm kellu argument ma' huh Carmel gewwa razzett tal-familja, fejn kienu gew fl-idejn, u Carmel Mifsud kien hareg is-senter u heddu bih. Spjega li Carmel Mifsud kien gie arrestat, u rrizulta li Carmel Mifsud kellu griehi evidenti f'wiccu. Kompla jghid li Dr Chris Muscat kien iccertifika li Carmel Mifsud kellu xi

griehi kkawzati minn sparatura tal-arma tan-nar, ghalhekk inftehet inkjesta magisterjali. Spjega li mill-istqarrija rilaxxata minn Francis Mifsud, l-argument kien beda fuq xi flus li l-familja kellhom jiehdu, u li Francis Mifsud kien ha l-inkarigu li jigbor dawn il-flus. Spjega li Francis Mifsud qal li huwa kien gie avvicinat minn ohtu, li qaltlu li Carmel kien qalilha li huwa kien ghadu ma hax sehmu mill-flus. Kompla jghid li Francis Mifsud qal li mar fir-razzett biex ikellem lil huh Carmel, u spiccaw jargumentaw. Francis Mifsud kien kompla jghid li huwa kien ta daqqa ta' ponn lil huh, u dan kien hareg jheddu bis-senter.

Kompla jixhed li Francis Mifsud kien stqarr li huwa kien mar ghal Carmel biex jipprova jiehu s-senter minn idejh, u waqt li s-senter kien ippuntat fl-ajru, huwa gibed il-grillu u gie sparat tir. Kompla jghid li huwa ha l-istqarrija ta' Carmelo Mifsud, li qal li huwa kien ghamel cajta lil ohtu, fejn qalilha li ma kienx ghadu ha l-flus, u spjega li Francis Mifsud kien argumenta mieghu, u tah daqqa ta' ponn f'wiccu. Spjega li Carmel Mifsud qal ukoll li huwa kien mar bis-senter biex ibezza' lil huh, izda huh kien rega' tefghu mal-art, u hadlu s-senter, filwaqt li gie sparat tir. L-Ispettur Mangion kompla jistqarr li s-senter kien ta' Emanuel Mifsud, u li Carmel Mifsud ma ghandux licenzja biex igorr arma tan-nar. Gharaf ukoll ic-certifikati medici tal-partijiet involuti, kif ukoll il-firem fuq l-istqarrijiet rilaxxati.

In **kontroezami** huwa spjega li ha l-istqarrija ta' Francis Mifsud fis-6 ta' Dicembru 2018. Spjega li huwa ma kienx staqsa lil Francis Mifsud, kif spicca c-comb fuq Carmel Mifsud.

**PS 954** xehed li fil-5 ta' Dicembru 2018, irraporta gewwa l-Ghassa ta' Hal Qormi, Francis Mifsud li kellu senter f'idejh. Spjega li dan qal li kien ghadu kif kellu argument ma' huh Carmel. Spjega li Francis Mifsud qal li huwa kellu jaghti xi flus lil hutu, u Carmel beda jghid li ghadu ma hax dawn il-flus, bil-konsegwenza li Francis Mifsud mar jaffrontah gewwa l-ghalqa limiti tal-Handaq. Qal li Francis Mifsud sostna li kien mar fl-ghalqa ma' ohtu, u li Carmel dahal gol-kamra fl-ghalqa, u hareg b'senter. Kompla jghid li Francis Mifsud kien qal, li Carmel kien qal lil ohtu biex tersaq, ghax kien ser jispara lil huh Francis. Per konsegwenza, Francis Mifsud qabez fuq huh, u ssielet mieghu biex jiehu l-arma, li f'din il-kommossjoni, hadet ukoll. Spjega li Marianna Mifsud kkonfermat il-verzjoni li ta huha Francis.

Kompla jispjega li huwa zamm is-senter, u kien mar fl-ghalqa tal-Handaq, fejn Carmel gie arrestat, izda kien jidher li dan kellu griehi notevoli f'ghajnejh. Spjega li Carmel sostna li huwa mhux veru kien spara lil huh, u li huh kien gie ghalih b'ponn tal-hadid. Spjega li Carmel Mifsud kellu jigi rikoverat ghax kellu griehi lejn in-naha t'isfel ta' zaqqu, li gew ikkagunati b'arma tan-nar.

**PC 1525** ikkonferma r-relazzjoni tieghu ezebita fl-atti tal-inkjesta magisterjali. Spjega li huwa kien gie nominat biex jaghmel ezamijiet relatati ma' ballistika. Spjega li t-tfittxija rrizultat fin-negattiv. Qal ukoll li qabel ma' acceda fuq il-post, huwa kien gie muri senter tal-kacca bin-numru SA 61639. Spjega li huwa ccekja li l-arma tan-nar kienet *safe* u ha xi notamenti. Qal li huwa kien ha kampjun ta' Ethanol Washout minn gewwa l-kanna tal-arma, liema kampjun flimkien mal-arma, gew ezebiti fl-inkjesta.

**PS385** xehed li huwa kien mahtur bhala SOCO fl-inkjesta magisterjali, fejn kien eleva diversi kampjuni li gew mghoddija lil Dr. Marisa Cassar.

**WPC 173** xehdet li minn ricerka li saret fuq Carmel Mifsud detentur tal-karta tal-identità numru 700653, irrizulta li l-ahhar licenzja thallset fil-31 ta' Dicembru 2003. Spjegat li Carmel Mifsud ma kellux licenzja biex izomm arma tan-nar f'Dicembru 2018.

**Dr Mario Scerri** xehed li huwa gie nominat bhala espert fl-inkjesta magisterjali. Spjega li fil-5 ta' Dicembru 2018, Carmel Mifsud iddahhal l-isptar wara li kellu, allegatament, argument ma' huh f'Hal Qormi. Spjega li Carmelo Mifsud ma rrizultax li kellu comb sparat minn senter, però kellu *periorbital haematoma* kbira madwar l-ghajn ix-xellugija. Spjega li din kienet assocjata ma' frattura ta' *condylar process* tax-xellug tal-*mandible*. Ikkonferma li dawn huma griehi ta' natura gravi *per durata.*

**Dr Christopher Muscat** xehed li huwa ezamina lil Carmel Mifsud, li kellu griehi f'wiccu. Qal li dawn il-griehi tant kienu serji, li kellu jirreferih ghall-isptar. Spjega li dan kellu hafna brix. Qal li Carmel Mifsud kien semma arma tan-nar, izda huwa ma kienx ra indikazzjonijiet ta' tiri. Kellu comb imwahhal gol-hwejjeg, precizament gol-qalziet. Qal li jaf li kien comb peress li huwa kaccatur. Sostna li c-comb ma kellux sahha jinfed il-hwejjeg. Sostna li l-iktar griehi li kellu Carmel Mifsud, kienu fuq ghajnejh u l-warda ta' wiccu.

**Il-Perit Richard Aquilina** kkonferma r-relazzjoni pprezentata minnu fl-inkjesta magisterjali.

**Marcel Vella** xehed li huwa kien il-hanut tax-xorb f'Hal Qormi, flimkien ma' oht Carmel u Francis Mifsud, li jisimha Miriam. Spjega li Karmnu kien staqsiha dwar

jekk haditx sehemha mill-flus tax-Xatt. Spjega li Karmnu kien qallu biex imur mieghu fir-razzett halli jara l-annimali. Qal li meta kienu r-razzett, gie Francis Mifsud, bil-konsegwenza li Carmel u Francis spiccaw jaghtu. Sostna li dawn qabdu jaghtu bil-ponn, u huwa jipprova jahrab minn dawn l-affarijiet. Qal li sema' xi diskors fuq il-flus tax-xatt. Spjega li qabel ma' bdew jaghtu, kien gie skambjat xi diskors. Sostna li huwa ma setax jitlaq minn fuq il-post, ghax il-karozza tieghu kienet imblukkata. Sostna li huwa anke prova jigbed lil xi hadd minnhom mill-glekk, f'tentattiv biex ma jibqghux jaghtu lil xulxin. Ikkonferma li Carmel kien fl-art u Francis Mifsud kien fuqu. Ikkofnerma li huwa gibed lil Frans.

Kompla jispjega li Carmel dahal igib is-senter u hareg tir, izda ma jafx min sparah. Sostna li s-senter kien qed ihares lejn l-ajru. Spjega li dak il-hin, iz-zewgt ahwa kienu qed jissaraw. Sostna li sakemm Carmel mar ghas-senter, Francis baqa' barra. Malli Carmel hareg bis-senter, Francis mar jipprova jahtafulu. Sostna li huwa sema' l-isparatura, ra s-senter wieqaf, izda ma jafx min spara. Sostna li huwa ra daqqa f'wicc Carmel, precizament taht ghajnu x-xellugija. Sostna li huwa telaq 'l hemm, u ohthom telghet mieghu bil-karozza.

**Dr Karim Abdalla** xehed li huwa rrilaxxa certifikat fir-rigward ta' Carmelo Mifsud. Irrizulta li kien hemm fratturi fil-wicc minn CT scan. Sostna li Carmelo kellu ugigh fil-*hips,* izda minn CT scan, dawn irrizultaw normali. Spjega li Carmelo kellu tbengil u grif f'idejh.

**Dottor Stephanie Grech** xehdet li fis-7 ta' Dicembru 2018, hija ezaminat lil Francis Mifsud, fejn ratlu xi tbengil madwar l-ghajn ix-xellugija, u xi grif fuq iz-zewg irkopptejh. Spjegat li dawn il-griehi kienu ta' natura hafifa. Sostniet li l-pazjent kien qalilha li dawn il-griehi soffrihom waqt glieda li sehhet madwar tlett ijiem qabel.

In kontroezami, hija kkonfermat li mill-kulur tat-tbengila, setghet tikkonkludi li din sehhet xi ftit jiem qabel.

**Carmel Mifsud** xehed li fil-5 ta' Dicembru 2018, fil-hdax u nofs ta' filghodu, kien fil-hanut tax-xorb. Spjega li f'xi n-nofs siegha, giet ohtu Miriam u l-partner taghha, Marcel. Spjega li din giet biex tkellmu sabiex jithallsu l-flus tad-denunzja ta' ommu. Huwa qal li kien taha xi flus biex hi tiehu hsieb din il-kwistjoni. Sostna li huwa mar ir-razzett ftit wara ghal xi saghtejn u kwart, u hemmhekk sab lil ohtu u lil Marcel. Spjega li f'daqqa wahda, gie Francis Mifsud li beda jsejjahlu, u dan qabad jaghtih b'oggett iebes f'wiccu. Sostna li huwa ssabbat mal-art. Sostna li Francis ma qallu

xejn waqt li kien qed jaghtih f'wiccu. Xehed li huwa f'daghdija tad-demm, qam u qabad l-arma minn gol-vetrina. Sostna li l-arma kienet *safe*.

Kompla jixhed li huwa hareg biex ibezza', izda f'daqqa wahda, issabbat mal-art peress li tah hass hazin. Sostna li minn xhin waqa' mal-art, huwa ma jafx x'gara. Sostna li xhin stenbah, kien beda jidlam, u kien ghadu fir-razzett. Qal li dam madwar saghtejn u kwart fl-art kwazi, u wara li gie f'sensieh, jara l-Pulizija gejjin ghalih li saqsewh x'gara, u haduh il-Policlinic. Ikkonferma li Marcel u Miriam raw kollox. Sostna li halqu kien imdawwar minhabba d-daqqiet. Spjega li sal-lum il-gurnata, lanqas jista' jiekol hobz tal-Malti, ghax dan huwa iebes u jugghu halqu. Sostna li huwa ghadu sal-gurnata tal-lum ma jafx ghalfejn huh kien beda jaghtih. Ikkonferma li qabel dan l-incident, huwa kien ikellmu lil huh Francis, ghalkemm tmintax-il sena ilu, kellhom xi jghidu.

In **kontroezami,** huwa kkonferma li kien gej mill-hanut tax-xorb, izda kien xorob biss tnejn birra. Qal li huwa pensjonant, u li bejn il-hdax u nofs ta' filghodu u s-saghtejn u nofs, ikun fil-hanut tax-xorb. Cahad li huwa kien fis-sakra dakinhar tal-incident. Spjega li huwa storda u nstabbat mal-art minhabba d-daqqiet li tah Francis. Insista li xhin qam, huwa ma sab lil hadd. Cahad li huwa gibed mill-flok lil Francis. Spjega li d-daqqiet nghataw lilu barra fejn il-bieb tar-razzett. Cahad ukoll li huwa ta xi daqqa lil huh. Sostna li huwa gab is-senter li kien ghadu *safe*, biex ibezza'. Ikkonferma wkoll li s-senter huwa tieghu, izda rregistrat fuq huh, Leli. Spjega li s-senter kien ghandu ghax kien l-istagun tal-kacca.

Carmel Mifsud cahad li huwa pponta s-senter ghal huh. Huwa sostna li ma jafx x' qal lil ohtu Marianna meta din ratu bis-senter f'idu. Sostna li huwa ma jafx jekk xi hadd sparax bis-senter, peress li huwa spicca mal-art mitluf minn sensih. Insista li kien stordut. Spjega li huwa ma qallu xejn lil huh, ghax dan beda jaghtih id-daqqiet mill-ewwel, u huwa kien mugugh. Sostna li wara li rnexxielu jqum, mohhu tah li jmur ghas-senter, u mhux li jinqafel gewwa biex Francis ma jibqax jaghtih.

In riezami, huwa kkonferma li xhin sema' lil Francis jghajjatlu, huwa hareg, u dan beda jaghtih f'wiccu. Spjega li dak il-hin, huwa ma kellux is-senter f'idejh. Spjega li kien wara li kien ilu jlaqqat id-daqqiet u rnexxielu jqum, li huwa mar ghas-senter biex ibezza' lil Francis.

In kontroezami ulterjuri, huwa spjega li laqqat hafna daqqiet ma' geddumu, u dana qabel gab is-senter.

**Francis Mifsud** xehed li huwa kien qieghed ghand it-tifel jiehu kafe, u ohtu Miriam infurmatu li Carmel kien qalilha, li huwa kien ghadu ma nghatax sehmu mill-flus tax-xatt minghandu. Sostna li huwa kien ta sehem Carmel u sehem Michael Mifsud lil Carmel. Sostna li huwa talab lil Miriam biex iccempel lil Carmel, izda dan ma bediex jirrispondiha. Spjega li huwa baqa' jinkwieta, u xhin mar jaghlef, mar ikellem lil Carmel fir-razzett. Sostna li huwa kien qallu li l-flus tax-xatt kien tahomlu, u Carmel kien irrispondih li kien qed jiccajta. Kompla jghid li huwa kien qallu li dak mhux cajt, u li persuna ma ticcajtax ma' bniedem li kien ilu ma jkellem ghal tmien xhur. Spjega li ghal dan, Carmel Mifsud kien qabad lil Francis mill-flokk u qattghu. Minhabba dan, Francis sostna li huwa mbuttah u Carmel waqa'. Spjega li Carmel dahal jigri ghas-senter, u dak il-hin kien hemm ohtu fejnu. Spjega li huwa ma ppretendiex li Carmel kien ser johrog bis-senter, izda dan hareg bis-senter, u beda jghid lil ohtu biex tersaq ghax kien ser jispara ghalih.

Xehed li ghalhekk huwa tar ghal fuq Carmel, u s-senter ghollih 'il fuq u b'kumbinazzjoni subghajh mar fuq il-grillu, u s-senter ha. Sostna li huwa baqa' jissara ma' huh, u biex jitlaq is-senter, huwa xejjirlu xi zewg daqqiet. Sostna li huwa mbaghad qabad is-senter u baqa' sejjer bih l-Ghassa. Sostna li huwa halla lil huh hemm. Sostna li huwa halla lil huh bilqieghda u mhux stendut mal-art. Sostna li huh kien bil-belgha. Sostna li huwa qala' daqqtejn minghand huh. Sostna li kellu *black eye* u xi daqqiet go rkopptejh. Insista li huh uza diskors aggressiv mieghu.

In **kontroezami,** huwa spjega li l-incident sehh fil-5 ta' Dicembru, u c-certifikat mediku rilaxxat huwa ta' 7 ta' Dicembru. Spjega li huwa kien qieghed fil-hanut tat-tifel ghal xi saghtejn u nofs. Sostna li huwa jaf li huh Carmel kien fis-sakra, ghax jumejn wara li gara l-incident, sar jaf li huh kien qed jixrob dakinhar. Huwa sostna li Carmel kien qallu li dak li qal lil ohtu, kienet cajta, u mbaghad gibdu mill-flokk u ghamel ghal Francis. Ikkonferma li huwa mar isejjah lil Carmel ghas-sodisfazzjoni fuq dak li kienet qaltlu ohtu. Sostna li huwa kien irrispondih lura, kif ticcajta ma' persuna li ma tkellimhiex. Cahad li huwa ta daqqa ta' ponn lil Carmel f'wiccu qabel ma' dan gie bis-senter. Sostna li kulma ghamel kien, li huwa mbotta lil Carmel, u dan waqa', imma mbaghad mar jigri ghas-senter. Ikkonferma li huwa baqa' barra sakemm Carmel dahal gor-razzett. Sostna li xhin hu ra lil Carmel bis-senter, huwa ried jiddefendi ruhu.

Sostna li huwa xejjer xi zewg daqqiet. Sostna li huwa beda jaghtih id-daqqiet xhin dan hareg bis-senter. Sostna li huwa tah bil-ponn f'wiccu. Sostna li Carmel baqa' jzomm is-senter, u ghalhekk beda jaghtih f'wiccu. Sostna li xhin Carmel hareg bis-senter, huwa mar ghal fuq huh, u s-senter gie ppuntat lejn is-saqaf. Imbagahd huwa baqa' jaghti lil Carmel biex jehodlu s-senter.

In riezami, huwa spjega li l-glieda bdiet ghax bdew jargumentaw.  Sostna li kulma qal Carmel kien li biex jiccajta.

**Michael Mifsud** xehed li huwa kien gol-garaxx dakinhar li sehh l-incident, liema garaxx huwa faccata ta' fejn gara l-incident.  Huwa sostna li fit-12 ta' Novembru 2018, huwa ma kienx f'kundizzjoni li jixhed, u kien ghazel li ma jixhidx, izda c-cirkostanzi tbiddlu, u ghazel li jixhed.  Huwa sostna li hu u hutu kellhom jigbru xi flus minn tax-xatt, u Carmel kien qal lil ohtu li huwa kien ghadu ma gabarx sehmu.  Spjega li ohtu marret tghajjat fil-hanut quddiem in-nies, li Frans kien ghadu ma tax il-flus lil Carmel.  Spjega li Frans ifferoccja u mar ghal Carmel.  Spjega li Frans mar fir-razzett fejn Carmel, u beda jsaqsih jekk kienx tahulu sehmu lil Carmel.  Spjega li bdew jiggieldu, u huwa kien ferraqhom.  Sostna li huwa kien ferraqhom u dahal 'il gewwa, izda Carmel imbaghad, dahal ghas-senter.  Sostna li Frans hataf is-senter minghand Carmel, ghaliex kieku kien joqtolhom it-tnejn.  Sostna li spara tir.  Sostna li meta bdew jiggieldu, entrambi kienu rrabjati.  Sostna li huwa ma rax lil Carmel jiehu sehmu, izda huwa cert li kien hadu sehmu.

Huwa spjega li ma jiftakarx jekk rax lil xi hadd imwegga'.  Sostna li huwa telaq 'l hemm, u li huh Francis ha s-senter l-Ghassa.  Spjega li huh Carmel huwa tip ta' bniedem li kullimkien tieghu.  Huwa sostna li fl-ebda hin ma ra lil hadd jaqa' mal-art jew bi dmija.

In **kontroezami,** huwa sostna li dawn kienu qed jiggieldu fuq il-konkos, u li huwa hareg biex jara x' inhu jigri peress li sema' lil ohtu tghajjat li qed jiggieldu.  Sostna li jista' jkun li kien hemm xi demm.  Kompla jghid li huwa ra liz-zewg hutu mal-art.  Sostna li huwa ferraqhom, u huwa rega' mar ghal gol-proprjetà tieghu meta rega' sema' lil ohtu tghajjat li Carmel kien hareg bis-senter.  Sostna li huwa sar jaf fuqxiex kienu ggieldu hutu.  Sostna li minn xhin ferraqhom, sakemm rega' sema' lil ohtu tghajjat li hareg b' senter, ghaddew biss ftit minuti.

**Ikkunsidrat:**

Qabel xejn, din il-Qorti tqis li hija giet rinfaccata b'verzjonijiet kontrastanti minn Carmel Mifsud u Francis Mifsud.  Hija tghaddi biex taghmel referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet, Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef, moghtija fit-2 ta' Frar 2012, fejn  il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja."*

*Fil-kawza Pulizija vs. Joseph Thorn deciza millQorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni talpersuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx'* (ara wkoll Repubbblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino 19 t' Ottubru 2006)." (Ara wkoll Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), Il-Pulizija vs. Mario Pace (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u Il-Pulizija vs. Hubert Gatt (deciza fil-11 ta' Lulju 2013).

Illi din il-Qorti ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien, u ghalhekk kienet f'pozizzjoni, wara li semghet ix-xhieda kollha jixhdu viva-voce quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li kienet hi stess li kkonstatathom x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed, u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Illi din il-Qorti ghamlet l-ezercizzju li ssemmi l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza, Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef, imsemmija hawn fuq, u serenament tasal ghal konkluzjoni illi dwar id-dinamika tal-incident, dak li sehh huwa s-segwenti. Meta Francis Mifsud sar jaf li Carmel Mifsud kien qed jghid li huwa ma kienx ghadu ha sehem mill-flus li kien imissu, (meta fil-verità, l-istess Carmel Mifsud kien già nghata sehmu), Francis Mifsud mar jaffronta lil Carmel Mifsud biex jiehu s-sodisfazzjon ghalfejn Carmel Mifsud kien qed jigdeb.

Ix-xhieda, Marcel Vella u Michael Mifsud, kif ukoll l-istess Francis Mifsud innifsu, lkoll sostnew li ntqal diskors f'dan ir-rigward, u cioè dwar dawn il-flus li suppost kien inghata Carmel Mifsud. Addirittura, Francis Mifsud imur oltre, u jistqarr li Carmel kien qallu li huwa qal hekk bhala cajta, u kif ukoll li wara li sar jaf b'dan, huwa kien anke kompla jargumenta ma' Carmel Mifsud, billi rrispondih li ma jistax ikun li wiehed jiccajta ma' bniedem li ma jkellmux. Kien f'dan il-mument, li sahnu l-irjus, u kif stess jghid Francis Mifsud fl-istqarrija rilaxxata u ffirmata minnu, u ezebita a fol 9 et seq tal-process, huh Carmel qabadlu l-flokk. u huwa hass li ghandu jiddefendi ruhu, billi tah daqqa ta' ponn f'wiccu. L-istess Carmel Mifsud fl-istqarrija rilaxxata

u ffirmata minnu, wkoll jikkonferma li huwa nghata daqqiet ta' ponn minn huh, Francis Mifsud.

Mad-daqqa ta' ponn, il-partijiet baqghu jissieltu sakemm firidhom Michael Mifsud, li la Francis Mifsud u lanqas Carmel Mifsud ma rreferew ghalih fix-xhieda taghhom. Jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' Michael Mifsud, li xhin ferraqhom, huwa telaq ghal gol-proprjetà tieghu. Il-Qorti tqis li dak il-hin, kienet opportunità biex entrambi l-partijiet jieqfu minn dan id-dizgwid. Madanakollu, hadd minnhom ma ghamel hekk. Minflok ma' ppruvaw jevitaw li s-sitwazzjoni tkompli teskala, Francis Mifsud baqa' barra jistenna lil Carmel Mifsud sabiex jerga' johrog mir-razzett halli jkun jista' jkompli fejn halla, mentri Carmel Mifsud minflok issakkar gor-razzett, iddecieda li johrog 'il barra b'senter, skont hu, bl-intenzjoni li jbezza' lil Francis Mifsud.

Rinfaccat b'Carmel Mifsud b'senter f'idejh, Francis Mifsud kompla jattakka lil Carmel Mifsud, hadlu s-senter, u xejjrilu daqqtejn kif deltronde ammetta hu stess fix-xhieda tieghu. Ghal darb' ohra, Carmel Mifsud rega' spicca fl-art.

Il-Qorti tqies li f'dawn ic-cirkostanzi fejn Francis Mifsud gie rinfaccat b'huh, li din id-darba kien armat, (ghalkemm fil-fehma tal-Qorti zbalja meta baqa' barra jistenna lil Carmel Mifsud jerga' johrog), ghandha tapplika l-iskriminati tal-legittima difeza, u cioè illi huwa ireagixxa minhabba l-agressjoni li issa kienet gejja min-naha ta' huh Carmel. Illi l-Artikolu 223 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi:

> "*Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-ligi jew mill-awtorita legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor.*"

L-Artikolu 224, imbaghad jelenka s-sitwazzjonijiet fejn dina l-iskriminanti, tista' tigi applikata. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali, fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Joseph Psaila, deciza fl-20 ta' Jannar 1995, inghad:

> "*Sabiex id-difiza tal-legittima difiza tigi invokata b'success, il-ligi timponi certi kundizzjonijiet. Cjoe' theddid ta' xi agressjoni jew dannu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli kif ukoll biex jigi evitat perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri l-periklu ghandu jkun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat, ghax dan jista' jaghti lok biss ghall-provokazzjoni u mhux difiza legittima.*"

Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal gurisprudenza kwotata minnha, fil-kawza Il-Pulizija vs Edward Alexander Vella, deciza fis-26 ta' Awwissu 2021, dwar il-legitima difesa, u tosserva li d-difiza trid tkun saret sabiex jigu evitati konsegwenzi li jekk javveraw ruhhom, jikkagunaw hsara irreparabbli lill-imputat. L-imputat irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu biex jevita il-perikolu li ma setax jigi evitat b'mod iehor. Jigifieri l-perikolu ried ikun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel, jew ta' xi perikolu li jista' jsehh aktar tard, ghax dan jista' jaghti lok biss ghall-provokazzjoni u mhux difiza legittima. Il-perikolu jrid ikun ukoll assolut, cioè li f'dak il-mument li kien qed isehh, ma setax jigi evitat b'xi mod iehor.

In oltre, l-element ta' inevitabilità jigi nieqes meta wiehed, minflok ma' jevita l-inkwiet, (meta dan ikun jista' b' mod ragonevoli jigi hekk evitat), imur jaffrontah. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri, fis-sentenza moghtija fil-kawza, Repubblika ta' Malta vs Martina Galea, fl-14 ta' Jannar 1986, intqal li:

> *"…. huwa appena necessarju jinghad li rekwizit indispensabbli ghad-diriment tal-legittima difiza hija l-inevitabbilita', meta l-akkuzat "cannot escape though he would" bil-korollarju li ma nistghux nitkellmu dwar legittima difiza jekk l-akkuzat "would not escape though he could".*

Il-Qorti hija tal-fehma, li dana kien kaz ta' perikolu anticipat, u inoltre l-imputat ireagixxa b'mod kemmxejn vjolenti, meta huwa ra lil huh Carmel b'senter f'idejh. Dana qed jinghad ghaliex l-imputat kien ben konsapevoli, li huh Carmel kien dahal gewwa biex johrog b'xi bicca njama jew oggett iehor. Dan in fatti, jammettih l-istess Francis Mifsud, li stqarr li huwa kien haseb li huh ser jerga' johrog b'xi injama f'idu ghalih, izda ma kienx jahseb li huh ser johrog b'senter. In oltre, l-istess Francis Mifsud xejjer diversi daqqiet lil huh Carmel, li in vista taghhom, spicca sofra griehi gravi. Addizzjonalment, jinghad ukoll li sa anke s-senter ha fl-arja.

Illi f'sentenza ohra deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali, fis-26 ta' Awwissu 1998, fis-sentenza, Il-Pulizija vs Augusto Auguliaro, inghad:

> *"Mhux kull min jagixxi biex jiddefendi ruhu necessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu. Il-ligi titkellem car dwar bzonn attwali ta' difiza legittima ta' dak li jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna, huwa ormai stabbilit li, biex wiehed jista' jinvoka dina l-iskriminanti, l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli."*

Illi maghdud dana kollu, il-Qorti ma tqiesx illi l-imputat ghal xejn b'xejn, agredixxa lill-parti leza, u ghalhekk f'dana l-kaz, jirrizultaw l-elementi tal-eccess tal-legittima difeza, kif esposti fl-Artikolu 227(d) tal-Kapitolu 9. Madanakollu, ghalkemm dana huwa kaz ta' eccess ta' legittima difeza, il-Qorti ma tistax taqbel mad-difiza, illi f'dan il-kaz, kien hemm dik il-biza jew hasda u dak it-twerwir li jgibu l-impunità. Dana qed jinghad tenut kont tac-cirkostanzi ta' dan il-kaz, b'mod partikolari meta tikkonsidra x-xhieda ta' Marcel Vella, li qal li huwa thassar lil Carmel li spicca b'Francis Mifsud fuqu, u pprova jigbed lil Francis Mifsud minn fuq Carmel Mifsud. Francis Mifsud, mhux talli ma kienx imbezza' u mahsud, talli baqa' jaghti lil Carmel Mifsud.

Illi ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma, illi f'dan il-kaz japplikaw l-estremi tal-eccess tal-legittima difiza, bhala skuzanti ghall-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, u cioè ghall-akkuza tal-offiza gravi fuq il-persuna.

Il-Qorti sejra issa tghaddi ghal klassifikazzjoni tal-griehi sofferti minn Carmel Mifsud. Il-klassifikazzjoni ta' griehi ai fini tal-Artikoli 216 u 218 tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, hija kwistjoni ta' natura legali, li ghandha tigi determinata mill-Qorti.

F' Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fit-30 ta' Lulju 2004, intqal li:

> *"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza"..."*

Fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju, l-Avukat Generali indika l-Artikolu 214, 216, (1)(a)(b) u (d) u 222(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi din il-Qorti, anke wara li qieset ix-xhieda moghtija mit-tobba li tressqu bhala xhieda, inkluz Dottor Mario Scerri, li kien espert mediku mahtur fl-inkjesta magisterjali li nfethet, u kif ukoll

wara li qieset li Carmel Mifsud stess ikkonferma li huwa ghadu jbati b'ugigh, tant li lanqas ma jista' jiekol bicca hobz tal-Malti, tqis li l-lezjoni sofferta minn Carmel Mifsud, kienet ta' natura gravi ai termini tal-Artikolu 216(1) (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar it-**tieni imputazzjoni**, ma tressqux provi f'dan ir-rigward. Ghalhekk l-imputat qed jigi liberat mit-tieni imputazzjoni.

Illi permezz tat-**tielet imputazzjoni,** l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat kontravvenzjonali, prospettat f'l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioè il-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika. Din il-kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, hija dik li fil-Ligi Ingliza, hija '*a breach of public peace*'. Dan ifisser li persuni ohra jkunu bezghu ghall-inkolumità taghhom waqt l-incident. Fil-kawza, Il-Pulizija vs Pio Galea, moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-17 ta' Ottubru 1997, deciza fis-17 ta' Ottubru 1997, fejn intqal li biex jissussisti dan ir-reat:

> *"irid ikun hemm, bhala regola, ghemil voluntarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil jsehh, jnissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita fizika ta' persuna kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil."*

Illi bla dubju, permezz tal-agir tieghu, l-imputat jikostitwixxi ksur ta' bon ordni u paci pubblika, kif hawn deskritt.

Dwar il-**piena**, din il-Qorti hasbet fit-tul rigward il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat. Il-Qorti tinnota li l-atteggjament tal-imputat fil-konfront ta' Carmel Mifsud, kien wiehed li setgha jigi evitat. Il-vjolenza m'ghandhiex tigi ttollerata, u dana iktar u iktar meta tqis, li Francis u Carmel Mifsud huma ahwa. Fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti, filwaqt li ser tiehu in konsiderazzjoni dak li ghadu kemm inghad, ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni s-segwenti: n-natura tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat u li gew ippruvati, u kif ukoll il-fedina penali tal-istess imputat.

Illi, in segwitu ta' dan, il-Qorti ma tarax raguni valida ghala ghandha timponi piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputat. Minflok, il-Qorti hija tal-fehma li

piena ta' prigunerija sospiza fil-konfront tal-imputat, tkun aktar opportuna fic-cirkostanzi.

**Decide**

**Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti, filwaqt li, ghar-ragunijiet indikati hawn fuq, ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u b'hekk tilliberah mill-imsemmija imputazzjoni; wara li rat l-Artikoli 17, 31, 214, 216(1)(d), 221(1)(a), 227(d), 230(d), 233(1)(a) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Francis Mifsud hati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal perijodu ta' sena prigunerija, li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9, qed jigu sospizi ghal sentejn (2) snin.**

**Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju, l-import ta' din is-sentenza, u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn (2).**

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez kollha peritali nkorsi, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' €781.53c. F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx, jigu kkonvertiti fi prigunerija ai termini tal-Ligi.**

**In oltre, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati, b'garanzija personali ta' elfejn Euro (€2000), ghal zmien sena mil-lum, fil-konfront ta' Carmel Mifsud.**

**Dr Simone Grech**
**MAGISTRAT**

**Janet Calleja**
**Deputat Registratur**